Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

MT Is-serje L

2024/901 22.3.2024

# DEĊIŻJONI (UE) 2024/901 TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

**tat-12 ta' Marzu 2024**

**li temenda d-Deċiżjoni (UE) 2022/2359 li tadotta regoli interni dwar restrizzjonijiet tad-drittijiet tas-suġġetti tad-data b'rabta mal-funzjonament intern tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2022/42)** ***(BĊE/2024/9)***

IL-BORD EŻEKUTTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-Istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, u b'mod partikolari l-Artikolu 11.6 tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 25 tiegħu,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 3(4) tad-Deċiżjoni (UE) 2022/2359 tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2022/42) ([2]), deċiżjoni biex jiġu ristretti d-drittijiet ta' suġġett tad-data li għandha tittieħed mill-kontrollur għandha ssir fil-livell tal-kap jew deputat kap tal-qasam tan-negozju rilevanti li fil-qasam tan-negozju tiegħu titwettaq l-operazzjoni ewlenija tal-ipproċessar li tinvolvi d-data personali.

(2) L-Artikolu 3(4) tad-Deċiżjoni (UE) 2022/2359 (BĊE/2022/42) ma jispeċifikax iċ-ċirkostanzi li fihom tali deċiżjoni biex jiġu ristretti d-drittijiet ta' suġġett tad-data għandha ssir fil-livell ta' tali deputat kap. Għalhekk għandu jiġi ċċarat li dawn huma każijiet fejn il-kap tal-qasam tan-negozju rilevanti ma jkunx disponibbli (pereżempju jekk ikun fuq liv annwali jew minħabba mard), jew ikollu kunflitt ta' interess attwali jew perċepit, jew għandu aċċess għal informazzjoni kunfidenzjali rilevanti.

(3) Barra minn hekk, l-Artikolu 3(4) tad-Deċiżjoni (UE) 2022/2359 (BĊE/2022/42) ma jikkontemplax il-każ ta' qasam ta' negozju mingħajr deputat kap. Jenħtieġ li jiġi ċċarat li f'każ bħal dan u fejn il-kap tal-qasam tan-negozju rilevanti ma jkunx disponibbli, jew ikollu kunflitt ta' interess attwali jew perċepit, jew għandu aċċess għal informazzjoni kunfidenzjali rilevanti, jenħtieġ li tittieħed deċiżjoni biex jiġu ristretti d-drittijiet ta' suġġett tad-data fil-livell tas-superjur ġerarkiku li jkun kompetenti fiċ-ċirkostanzi biex jagħmel dan.

(4) Fl-aħħar nett, l-Artikolu 3(4) tad-Deċiżjoni (UE) 2022/2359 (BĊE/2022/42) ma jispeċifikax il-livell li fih għandha tittieħed deċiżjoni biex jiġu ristretti d-drittijiet ta' suġġett tad-data fil-każ ta' funzjoni li mhijiex allokata għal qasam tan-negozju. Jenħtieġ li jiġi ċċarat li tali deċiżjoni għandha ssir fil-livell tad-detentur tal-funzjoni li fiha titwettaq l-operazzjoni ewlenija tal-ipproċessar li tinvolvi d-data personali. Din il-kjarifika tikkonċerna, b'mod partikolari, il-funzjoni tal-Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-Data u l-funzjoni tal-Unità Ewlenija Organizzazzjonali dwar il-Governanza u s-Servizzi ta' Trasformazzjoni.

(5) Għalhekk, id-Deċiżjoni (UE) 2022/2359 (BĊE/2022/42) għandha tiġi emendata kif meħtieġ,

([1]) ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39.

([2]) Id-Deċiżjoni (UE) 2022/2359 tal-Bank Ċentrali Ewropew tas-22 ta' Novembru 2022 li tadotta regoli interni dwar restrizzjonijiet tad-drittijiet tas-suġġetti tad-data b'rabta mal-funzjonament intern tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2022/42) (ĠU L 311, 2.12.2022, p. 176).

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

**Emendi**

L-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni (UE) 2022/2359 (BĊE/2022/42) huwa emendat kif ġej:

(1) il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"4. Deċiżjoni biex jiġu ristretti d-drittijiet ta' suġġett tad-data skont il-paragrafu 1 li għandha tittieħed mill-kontrollur għandha ssir fil-livell tal-kap tal-qasam tan-negozju rilevanti fil-qasam tan-negozju rilevanti li fil-qasam tan-negozju tiegħu titwettaq l-operazzjoni ewlenija tal-ipproċessar li tinvolvi d-data personali. Jekk tali operazzjoni ta' pproċessar ewlenija titwettaq minn funzjoni li ma tkunx parti minn qasam tan-negozju, tali deċiżjoni għandha ssir fil-livell tad-detentur tal-funzjoni.";

(2) il-paragrafu 5 li ġej huwa miżjud:

"5. Għall-finijiet tal-paragrafu 4, meta l-kap tal-qasam tan-negozju rilevanti ma jkunx disponibbli minħabba assenza, jew ikollu kunflitt ta' interess attwali jew perċepit, jew għandu aċċess għal informazzjoni kunfidenzjali rilevanti, deċiżjoni biex jiġu ristretti d-drittijiet ta' suġġett tad-data skont il-paragrafu 1 li għandha tittieħed mill-kontrollur għandha ssir mid-deputat kap tal-qasam tan-negozju li fil-qasam tan-negozju tiegħu titwettaq l-operazzjoni ewlenija tal-ipproċessar li tinvolvi d-data personali.

Fejn ma jkunx hemm tali deputat kap, tali deċiżjoni għandha tittieħed mis-superjur ġerarkiku kompetenti biex jagħmel dan fil-każ ta' assenza, kunflitt ta' interess jew aċċess għal informazzjoni kunfidenzjali rilevanti tal-kap tal-qasam tan-negozju rilevanti.".

*Artikolu 2*

**Dħul fis-seħħ**

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Frankfurt am Main, it-12 ta' Marzu 2024.

*Il-President tal-BĊE*
Christine LAGARDE